*Referenza Kostituzzjonali*

*Legittimu Kuntradittur*

*Smigh Xieraq*

*Presunzjoni tal-Innocenza*

*Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*

*L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll*

*tal-Konvenzjoni Ewropea*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**(Sede Kostituzzjonali)**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Mejju 2018**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 71/2015/LSO**

**Mario Falzon**

**vs**

**Kummissarju tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Jannar 2015, fejn intqal illi:

**Il-Qorti hija kompetenti sabiex taghmel din ir-referenza u ghalhekk qieghda tilqa' din it-talba ghar-referenza ghal quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u tordna in segwitu li din il-kawza tithalla *Sine Die* sakemm ikun hemm ezitu finali fuq ir-referenza kostituzzjonali b' dan illi din il-kawza terga' tigi riappuntata fuq talba ta' wahda mill-partijiet una volta s-sentenza kostituzzjonali tkun *res judicata*.**

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015 fil-11:00am u ordnat lill-Kummissarju tad-Dwana li jkollu ghoxrin (20) jum biex iwiegeb.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana) *ai termini* tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-16 ta' Settembru 2015 datata 12 ta' Ottubru 2015 a fol 9 tal-process fejn espona :

1. IIli permezz ta' rikors intavolat fis-17 ta' Settembru 2014 Mario Falzon quddiem l-Onorabbli Qorti Riferenti huwa allega li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq hekk kit sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Umani u d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu hekk kif sancit fl-artikolu

37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Umani u talabha sabiex tirreferi l-kwistjoni lil din l-Onorabbli Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif specifikat f'rikors iehor minnu ntavolat fl-10 ta' Dicembru 2014. Effettivament, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) laqet it-talba permezz tad-digriet taghha tal-15 ta' Jannar 2015 u rreferiet il-kwistjoni lil din l-Onorabbli Qorti ghad-decizjoni taghha;

2. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari, in kwantu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent jirreferu ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Gunju 2014 fl-ismijiet ***Il-Pulizija* vs *Elbourawi Mohamed***, l-esponent Direttur Generali (Dwana) mhuwiex il-legittmu kontradittur;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li mhux minnu li gew u/jew qed jigu lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin hawn jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

3.1. Illi l-lanjanza tar-rikorrent marbuta mad-dritt tal-proprjeta` kif imhares mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija insostenibbli. *Dato ma non*

*concesso* u biss ghall-grazzja tal-argument li r-rikorrent garrab tehid ta' hwejgu, il-hlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet kif ukoll it-tehid ta' pussess jew akkwist bhala penali ghal, jew bhala konsegwenza ta', ksur tal-ligi sew jekk bi proceduri civili jew wara dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kriminali jew fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati huwa specifikament eskluz mill-iskop tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3.2. Illi l-Artikolu 37 (2) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta specifikament jipprovdi li:

*(2) "Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' -*

*(a) bi hlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;*

*(b) bhala penali ghal, jew bhala konsegwenza ta', ksur tal-ligi, sew jekk bi proceduri civili jew wara dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kriminali;*

*(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati;"*

3.3. Illi mill-banda l-ohra, il-proviso tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi ukoll li:

*"Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skont l-interess generali jew* ***biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*** (Enfasi mizjud).

3.4. Illi ghalhekk huwa manifest li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern la l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u lanqas l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistghu jigu invokati mir-rikorrent;

3.5. Illi mingnajr pregudizzju ghas-suespost, il-garanzija bankarja fl-ammont ta' €2,500 inghatat b'sostituzzjoni tal-vettura tal-marka Toyota tat-tip Land Cruiser bin-numru tar-registrazzjoni CBS 614 u fil-fatt, id-decizjoni surriferita tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali pprovdiet billi ordnat "li ghandhom jghaddu minnufih a favur il-Gvern ta' Malta, iz-zewg somom ta' flus ossija l-€200,000 u l-**€2,500 iddepozitati taht l-awtorita` ta' din il-Qorti rapprezentanti l-valur u in sostituzzjoni tal-oggetti legittimament maqbuda u sussegwentement rilaxxati..."** (enfasi tal-esponent) b'dan illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent li huwa gie mcahhad kemm mill-vettura tieghu kif ukoll mill-garanzija bankarja illi huwa kien ta in sostituzzjoni tal-istess vettura hija fattwalment zbaljata;

3.6. Illi l-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet kompetenti u gustifikata li tordna l-konfiska

tal-garanzija bankarja li nghatat in sostituzzjoni tal-vettura in kwistjoni li ntuzat ghall-kutrabandu ta' sigaretti sdazjati li tnizzlu minn fuq il-bastiment MORINA u ingarrew permezz tal-vettura tar-rikorrenti CBS 614 fil-proceduri kriminali fil-konfront tal-membru tal-ekwipagg EL Bourawi Mohammed kif fil-fatt  ghamlet. Dan bl-ebda mod ma jippregudika l-prezunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent kif allegat minnu in kwantu l-konfiska tal-mezz tal-garr illegali ta' sigaretti sdazjati *a tenur* tal-Ordinaza ta' Dwana u tal-Att dwar Dazju u tas-Sisa huwa distint u ndipendenti mill-komplicita` *o meno* tas-sid ta' dak il-mezz tal-garr f'dak ir-reat;

3.7. Illi dejjem minghajr pregudizzju, il-konfiska tal-mezz tal-garr uzata fil-habi u caqlieq ta' oggetti sdazjati ma tistax titqis li tmur kontra la l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u lanqas l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta partikolarment meta wiehed iqis il-gravita` tat-telf sostanzjali tal-erarju pubbliku li hu abbinat ma' prodotti soggetti ghad-dazju tas-SISA kif ukoll l-islealta` kummercjali lejn negozjanti ohra li jhallsu d-dazju tas-SISA skont il-ligi;

3.8. Illi l-esponent jirrileva wkoll li c-cirkostanzi odjerni ma jammontaw ghall-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent Mario Falzon *a tenur* tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Umani u/jew l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Umani kif allegat minnu;

3.9. Illi minghajr pregudizzju, ir-rikorrent odjern Mario Falzon deher debitament assistit fil-proceduri kriminali kontra Elbourawi Mohammed Fathi u talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tastjeni milli tiehu konjizzjoni ghat-talba tal-prosekuzzjoni ghar-rigward tat-talba tal-konfiska tal-vettura in kwantu kienet tappartjeni lilu. Isegwi ghalhekk li ghalkemm Mario Falzon ma kienx parti fil-proceduri kontra Elbourawi Mohammed Fathi, fis-sens illi l-proceduri kontrih qeghdin jinstemghu separatement, huwa xorta wahda kellu access ghal Qorti sabiex jittutela l-allegati interessi tieghu u l-fatt li t-talbiet tieghu fil-mertu ma gewx milqugha ma jikkostitwixxi l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tieghu;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha twiegeb ghall-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz tad-digriet taghha tal-15 ta' Jannar 2015 billi ma ssibx ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif allegat minnu, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent Mario Falzon.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru r-rikorrent assistit minn Dr Carmelo Mifsud Bonnici, Dr Sarah Portelli ghad-Direttur Generali (Dwana) u r-rapprezentant tal-istess David Sciberras. Id-difensuri tal-partijiet qablu li r-referenza

kostituzzjonali saret abbazi tar-rikors tar-rikorrent a fol 41 u 42 tal-process u li ghalhekk il-proceduri odjerni ghandhom jindirizzaw l-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Elbourawi Mohamed" quddiem il-Magistrat Dr Ian Farrugia - deciz fit-2 ta' Gunju 2014, u ordnat komunika ta' dan il-verbal lid-Direttur Qrati (Kriminali). Ir-rikorrent kellu jipprezenta x-xhieda tieghu permezz tal-affidavits fi zmien xahar minn dan il-verbal. Ir-rikors gie differit ghall-1 ta' Dicembru 2015 f' 11:20a.m.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Mario Falzon datata 6 ta' April 2017 a fol 63 *et seq* tal-process.

Rat in-nota responsiva tad-Direttur Generali (Dwana) u l-Avukat Generali datata 24 ta' Jannar 2018 a fol 77 tal-process. Dwar l-Avukat Generali, din il-Qorti cahdet it-talba ghall-kjamat fil-kawza ghar-ragunijiet dedotti fid-digriet taghha tas-17 ta' Novembru 2015 u ghalhekk tqis li din in-nota giet ipprezentata ghan-nom tad-Direttur Generali (Dwana) biss.

Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tal-Hamis, 8 ta' Frar 2018 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Carmelo Mifsud Bonnici ghar-rikorrent u Dr Roma D'Alessandro u David Sciberras ghal-Intimat Direttur Generali (Dwana). Id-difensuri prezenti rrimettew ruhhom ghan-noti ta'

sottomissjonijiet taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija decizjoni dwar Referenza Kostituzzjonali fit-termini tal-**artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** datata nhar il-15 ta' Jannar 2015 maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri *Mario Falzon v Kummissarju tad-Dwana* (Rik Nru. 189/2014/CSH).

Il-kwistjoni referuta hija s-segwenti:

***"Il-Qorti hija kompetenti sabiex taghmel din ir-referenza u ghalhekk qieghda tilqa' din it-talba ghar-referenza ghal quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u tordna in segwitu li din il-kawza tithalla Sine Die sakemm ikun hemm ezitu finali fuq ir-referenza kostituzzjonali b' dan illi din il-kawza terga' tigi riappuntata fuq talba ta' wahda mill-partijiet una volta s-sentenza kostituzzjonali tkun res judicata."***

Billi l-Qorti kkonsidrat li din ir-referenza kienet redatta f'termini xejn felici, ordnat li l-atti jigu trasmessi tramite r-Registratur (Qrati Civili u Tribunali) sabiex ir-Referenza Kostituzzjonali tigi formulata b'mod li l-Qorti ticcara ezatt il-kwistjoni Kostituzzjonali u Konvenzjonali li jirrigwarda l-kaz.

Illi b'Digriet tad-9 ta' Dicembru 2015 il-Kwistjoni giet riformulata (fol 29):

**Tilqa' t-talba tar-rikorrent kif kontenuta fir-rikors tieghu tas-17 ta' Settembru 2014 u dan sabiex issir referenza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzonali) u dan sabiex jigi deciz jekk verament inkisirx d-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti u ghad-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' tieghu kif sancit fl-artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Umani u l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Il-Qorti hadet konjizzjoni tad-Digriet u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza.[1]

Illi bir-rikors tieghu imsemmi datat is-17 ta' Settembru 2014 quddiem l-ewwel Qorti, Mario Falzon qanqal kwistjoni kostituzzjonali fejn ilmenta li gie ivvjolat id-dritt tieghu ghas-smigh xieraq kif ukoll ghall-presunzjoni tal-innocenza fit-termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejjah 'Il-Kostituzzjoni') u tal-Artikolu 6 tal-**Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, (aktar** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**). Dan minhabba li gie penalizzat f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija v ElBourawi Mohammed Fathi,* proceduri li fihom ma kienx parti. F'dik is-sentenza, l-Qorti ordnat il-konfiska ta' garanzija bankarja li kien ipprovda ghall-fini tar-rilaxx tal-vettura tieghu li kienet

[1] Digriet 16 ta' Frar 2016.

inqabbdet fil-kors ta' investigazzjoni fuq importazzjoni illegali. B'hekk ukoll jghid li sofra vjolazzjoni tal-jedd tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta' skont l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u "l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni".

Illi r-referenza kostituzzjonali saret fil-kors ta' proceduri istitwiti minn Mario Falzon quddiem l-ewwel Qorti fejn kien talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-intimat jirrilaxxa l-vettura tal-marka Toyota, tip Land Cruiser, bin-numru ta' registrazzjoni CBS614 li giet maqbuda mid-Dipartiment intimat in konnessjoni ma' kontrabandu. Ir-rikorrent jghid li ma kienx parti fil-proceduri li wasslu ghall-konfiska li ttiehdu kontra terzi izda xorta sofra l-konfiska tal-vettura u t-telf tal-garanzija li kien ta b'sostituzzjoni ghall-vettura. B'hekk jghid li gie penalizzat *in absentia.*

Illi l-**Direttur Generali (Dwana)** oppona ghat-talba billi, in linea preliminari, eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur in kwantu t-talbiet jikkoncernaw decizjoni tal-Qorti fil-kawza *Il-Pulizija v Elbourawi Mohamed;* u fil-mertu, billi t-talbiet huma insostenibbli in kwantu li t-tehid ta' proprjeta' ghall-hlas ta' taxxa jew bhala penali jew b'konsegwenza ta' ksur tal-Ligi huwa ezent mill-operat tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; inoltre l-garanzija bankarja inghatat b'sostituzzjoni tal-vettura; li Mario Falzon kien deher fil-proceduri kontra Elbourawi Mohamed debitament assistit u jirrizulta li kellu access ghal dawk il-proceduri minkejja li ma kienx parti.

**Fatti**

Illi l-fatti li jemergu mill-atti esebiti huma s-segwenti:

Illi fil-11 ta' Mejju 2014 in segwitu ghal tfittxija li saret fuq bastiment MORINA, fejn instabu 455 kartuna ta' 200 sigarett f'kull kartuna, kollha sdazjati, saret tfittxija fil-vettura ta' Mario Falzon tal-ghamla Toyota Land Cruiser CBS614 u fir-residenza tieghu izda r-rizultat kien fin-negattiv. Illi in segwitu ghas-sejba fuq il-bastiment, certu Elbourawi Mohamed gie interrogat u rrilaxxja stqarrija fejn ammetta l-involviment tieghu w identifika lil Mario Falzon bhala l-persuna l-ohra involuta mieghu fl-importazzjoni illegali tas-sigaretti imsemmija.

Illi b'Nota ta' Qbid tat-12 ta' Mejju 2014 numru 23/2014 giet konfiskata l-vettura imsemmija mid-Dipartiment tad-Dwana billi gie meqjus li *intuzat bhala mezz ta' garr ta' oggetti soggetti ghall-konfiska taht l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa* fit-termini tal-**artikolu 72 tal-Kap 37.**

Illi kien hemm tliet kawzi li jirrigwardaw il-fatt tal-kuntrabandu:

**Il-Pulizija v Elbourawi Mohamed**
**Il-Pulizija v Mario Falzon**
**Mario Falzon v Kummissarju tad-Dwana**

Illi Mario Falzon kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat *inter alia* li instab li xjentement gie fil-pussess u taht il-kontroll tieghu oggetti sdazjati bi ksur tal-artikoli rilevanti tal-Ligi.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata t-2 ta' Gunju 2014, fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Frankie Sammut) v Elbourawi Mohamed*, il-Qorti, wara li sabet lill-akkuzat hati, ordnat li "*ghandhom jghaddu minnufih iz-zewg somom ta' flus ossia €200,000 u l-€2,500 iddepozitati taht l-awtorita' ta' din il-Qorti, rapprezentanti l-valur u in sostituzzjoni ta' l-oggetti*[2] *legittimament maqbuda u sussegwentement rilaxxjati."*

Jirrizulta li din is-sentenza llum ghaddiet in gudikat.

Bhala fatt jirrizulta li l-vettura giet rilaxxjata.

**Azzjoni li ttiehdet minn Mario Falzon fil-kawza kontra Elbourawi Mohamed.**

Illi Mario Falzon ipprezenta rikors f'dawk il-proceduri fit-30 ta' Mejju 2014[3] fejn talab lill-Qorti biex tordna r-rilaxx tal-vettura, u fejn iddikjara li hu lest li jiddepozita somma ta' flus b'garanzija tal-valur tal-vettura sabiex il-vettura tigi rilaxxjata mid-Dipartiment. Fit-2 ta' Gunju 2014 giet ipprezentata il-garanzija bankarja minn Mario Falzon lill-ufficjal tad-Dwana u esebita fl-atti.[4]

---

[2] Cioe` il-bastiment MORINA u l-vettura in mertu.
[3] (Fol 101 *et seq*. Il-Pulizija v Elbourawi.
[4] Fol 108 Il-Puizija v Elbourawi Mohamed.

Mill-verbal tas-seduta quddiem dik il-Qorti tat-2 ta' Gunju 2014 (fol 103) jirrizulta li deher id-difensur ta' Mario Falzon u talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni ghar-rigward tal-konfiska tal-vettura ta' Mario Falzon ghaliex ma tappartjenix lill-imputat, imma lil Mario Falzon li hu akkuzat bi proceduri apparti u distinti. Dik il-Qorti, izda, ghaddiet minnufih ghas-sentenza imsemmija.

**Il-kawza fl-ismijiet Mario Falzon v Kummissarju tad-Dwana (Rik189/14 CSH)** (il-Qorti Referenti).

Illi l-kawza imsemmija giet ipprezentata fit-30 ta' Mejju 2014 fejn qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat li jirilaxxja l-vettura.

Din il-vettura fizikament giet rilaxxjata u ghalhekk il-konvenut *inter alia* eccepixxa li l-mertu tal-kawza hu ezawrit billi l-vettura giet rilaxxjata wara li nghatat garanzija bankarja b'sostituzzjoni tal-vettura. Dik il-garanzija giet ikkonfiskata b'ordni ta' Qorti li ghaddiet in gudikat.

**Provi**

**Xehed Jesmond Vella** (Affidavit fol 33-36), Spettur tad-Dwana u qal li l-vettura in mertu kienet ingabret mill-Pulizija tal-Ghassa ta' Bormla izda meta ghamel tfittixija fuq il-vettura kull ma sab kien lizar imkebbeb f'rokna fin-naha ta' wara tal-karrozza. Hu zamm il-vettura ghall-aktar

investigazzjonijiet abbazi ta' dak mistqarr minn Elbourawi Mohamed cioe` li kien ikkonsenja lill Mario Falzon 50 kartuna b'200 sigarett f'kull wiehed.

Esebixxa **DOK JV4** datat il-11 ta' Mejju 2014 li hija ricevuta intestata lil Mario Falzon ghat-tehid tat-Toyota Land Cruiser CBS614 '*pending investigation'.*

Qal li abbazi tal-fatt li nstabu oggetti sdazjati fuq il-bastiment MORINA u mill-verifiki li ghamlu, inharget in-Nota ta' Qbid fuq il-bastimenti MORINA u fuq il-vettura. In-Nota inharget abbazi **tal-artikoli 68(1), 69(1)(2) tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-artiikolu 17(2) tal-Att dwar id-Dazju u s-Sisa (Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta)** peress li l-vettura intuzat bhala mezz ta' garr ta' oggetti soggetti ghall-konfiska skont dawn il-ligijiet.

Xehed **Joe Borg**, Manager fid-Dipartiment tad-Dwana (fol 49 et seq), u qal li kien esebixxa n-Nota ta' Qbid 23/2014 fil-proceduri kontra Elbourawi Mohamed. Inoltre esebixxa l-vettura formalment. Fit-2 ta' Gunju 2014 gie avvicinat mill-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici bhala l-avukat ta' Mario Falzon li pprezentalu garanzija bankarja ghall-ammont ta' €2,500 u hu pprezenta kopja tal-garanzija f'dik il-kawza. Esebixxa wkoll formalment l-ammont ta' €2,500 in sostituzzjoni tal-vettura sabiex il-vettura tista' tigi rilaxxjata.

Semma li l-garanzija bankarja tirreferi ghal zewg kawzi kriminali u ghall-kawza civili u cioe` *Il-Pulizija v Elbourawi*

*Mohamed* u *Il-Pulizija v Mario Falzon* u *Mario Falzon v Kummissarju tad-Dwana (189/14).*

Qal li l-vettura giet rilaxxjata fit-3 ta' Gunju 2014. (DOK JB4 u JB5 a fol 47 u 48).

In **kontro-ezami** (fol 58-59) qal li l-vettura kienet ghaddiet f'idejn il-Gvern temporanjament u sussegwentement giet rilaxxjata *ai termini* tal-artikolu 72(4) tal-Ordinanza dwar id-Dwana. Qal ukoll li l-flus huma minnflok il-vettura.

**Osservazzjonijiet Preliminari ta' din il-Qorti - Referenza Kostituzzjonali**

**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

Ikkonsidrat li skont l-**artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** din il-Qorti, wara li ssirilha referenza kostituzzjonali "*għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."* Din id-disposizzjoni hija riflessa fl-**artikolu 4(3) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 8** tal-Konvenzjoni huwa ccitat bhala wiehed mill-artikoli imsemmija fir-Referenza. Dan l-artikolu jenuncja id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu. Huwa

palesi li l-artikolu rilevanti huwa **l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll (A1P1) tal-Konvenzjoni.** Infatti l-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet rispettivi tahhom abbazi tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mhux abbazi tal-artikolu 8.

Gie ritenut li f'kawzi kostituzzjonali l-formalita' hija ridotta ghall-minimu necessarju u l-Qorti tista' ssib vjolazzjoni anke fuq bazi ta' artikoli mhux citati mir-rikorrenti u b'hekk taghti dak ir-rimedju li jidhrilha xieraq anke jekk tkun *ultra petita.* (**Edwin Bartolo et v Agent Reg. tal-Qrati noe et** - QK - 15 ta' Frar 1991).

Ikkonsidrat dak li enuncjat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "***The Police vs Arias"***, deciza fit-28 ta' Settembru 2012:

"55. *In respect of this issue this Court points out that as a rule whenever a constitutional reference is made to the First Hall Civil Court under Article 46(3) of the Constitution that Court's function is circumscribed by the terms of the reference made to it and that Court is required to limit itself to giving its replies to the questions referred to it by the referring Court."* (Ara wkoll "**Massa et vs Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et**", deciza fit-30 ta' April 2012 u **Ir-Repubblika ta' Malta v Matthew Zarb** (PA (Kost) deciza fis-7 ta' Marzu 2014).

Illi l-iskop tar-Referenza huwa biex din il-Qorti tindirizza l-kwistjoni tad-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta' kif sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni. L-ewwel Qorti kienet giet

sgwidata b'lapsus da parti tar-rikorrent li ccita hazin l-artikolu relevanti.

**Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra l-kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali fit-termini sostantivi taghha u b'referenza ghall-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. L-artlkolu 8 manifestament huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern u tista' minn issa stess tghid li ma ssibx li inkiser id-dritt tar-rikorrent kif sancit fit-termini tal-imsemmi artikolu.**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

L-intimat eccepixxa *in linea* preliminari li mhuwiex il-legittimu kuntradittur fir-rigward tal-allegazzjonijiet u pretensjonijiet li jirreferu ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Gunju 2016 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizia v ElBourawi Mohammed.*

Infatti fir-rikors tieghu tas-17 ta' Settembru 2014, Mario Falzon mhuwiex qed jimpunja n-Nota ta' Qbid 23/2014 u wisq inqas l-artikolu 72(4) tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta) imma qed jilmenta bil-konfiska tal-vettura u bis-sussegwenti konfiska tal-garanzija bankarja b'sentenza fejn hu ma kienx parti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Abela v Onor. Prim Ministru et.***[5] il-Qorti fissret it-tliet kategoriji li fihom jinqassmu l-legittimi kontraditturi f'kawzi kostituzzjonali[6] u cioe`:

*"F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

Illi r-rikorrent jilmenta li sofra pregudizzju ghall-jedd tieghu ta' smigh xieraq *stante* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li fiha ma kienx parti.

Illi hawnhekk jidher xieraq li jingħad li hemm differenza mhux traskurabbli bejn is-setgħat ta' din il-Qorti meta tkun imsejħa tiddeciedi kwistjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali direttament u meta, bħal f'dan il-każ, tkun

[5] Qorti Kost. 7 ta' Diċembru 1990.

[6] Interessanti li l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Partit Nazjzonalista v Kummissjoni Elettorali et. (**dec. 29 ta' Mejju 2015) rritieniet li "*Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra*" .(para 25) .

saritilha riferenza minn Qorti oħra dwar kwistjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali li tkun tqanqlet quddiemha. Huwa meqjus li ż-żewg għamliet ta' proceduri huma "paralleli"[7] għal xulxin. Distinzjoni sinifikanti hija li filwaqt li fit-twettiq tas-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni (u/jew l-artikolu 4(1) u (2) tal-Kapitolu 319) din il-Qorti għandha gurisdizzjoni originali b'setgħat wesgħin dwar ir-rimedji li tista' tagħti, fit-twettiq tas-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(3) (u/jew l-artikolu 4(3) tal-Kap 319) din il-Qorti trid tagħti d-deċiżjoni fuq il-kwistjoni mibgħuta quddiemha, iżda hija l-Qorti li tkun bagħtet ir-riferenza lil din il-Qorti li għandha tiddisponi mill-kwistjoni originali li matulha jkun tqanqal il-punt kostituzzjonali jew konvenzjonali[8]. Huwa minħabba f'hekk ukoll li r-riferenza "kostituzzjonali" m'hijiex xi process gdid iżda huwa process bi stħarrig specifiku (ta' xi lment ta' ksur attwali jew maħsub ta' jedd fundamentali) minn qorti b'kompetenza partikolari, fl-ambitu tal-process li minn ħdanu ssir riferenza bħal dik. B'mod li jekk kemm-il darba, għal xi raguni, l-process riferenti jieqaf jew jintemm, hekk ukoll tieqaf u tintemm il-fażi tar-riferenza[9].

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet saru għaliex din il-Qorti trid tagħmilha cara li s-sejbien ta' xi ksur ta' dritt fondamentali fit-termini tar-riferenza magħmula lilha ma jagħtihiex il-jedd

[7] Kost. 21.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et (Kollez. Vol: LXXIII.i.95)
[8] Kost. 20.3.2000 fil-kawża fl-ismijiet Blundell et vs Direttur tas-Sigurta' Socjali (Kollez. Vol: LXXXIV.i.1
[9] 16 Kost. 18.10.2006 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicholas Gatt et

li tiddeciedi hi, u taghti rimedju fuq il-mertu tal-kawża li matulha tkun tqajmet il-kwistjoni.

Dwar din il-lanjanza, ghandu jinghad li r-rikorrent kien talab il-kjamat fil-kawza tal-Avukat Generali f'dawn il-proceduri. Din it-talba giet michuda b'Digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Novembru 2015 wara li kkonsidrat:

"*Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan kollu premess ifisser li r-referenza kostituzzjonali trid tigi ezaminata fil-kuntest tal-proceduri inkorsi quddiem il-Qorti riferenti, altrimenti l-proceduri odjerni jkunu purament akkademici u jezorbitaw mill-iskop tal-procedura hekk ikkontemplata. Isegwi li l-kwistjoni imqanqla ghandha tolqot lill-partijiet fil-kawza quddiem il-Qorti riferenti.*"

Ghaldaqstant in kwantu li din il-Qorti qed tindirizza referenza kostituzzjonali, fejn l-intimat odjern huwa l-intimat f'dawk il-proceduri quddiem il-Qorti Referenti, l-indagni hija limitata ghar-rilevanza li jista' jkollha ghall-fini tal-proceduri civili quddiem il-Qorti referenti.

Ghal dak li jirrigwarda d-dritt ghas-smigh xieraq u l-presunzjoni tal-innocenza invokata mir-rikorrent, l-ewwel-Qorti setghet, jekk riedet, issib li kwistjoni sollevata kienet semplicement frivola u/jew vessatorja in kwantu li l-konfiska sehhet b'sentenza fi proceduri ohra li ghaddiet in gudikat. Izda dan ma ghamlitux. Din il-Qorti tifhem li l-ezami taghha ghandha ssir fil-kuntest tar-rilevanza ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati li huma mmirati

ghar-rivendika tal-vettura konfiskata, jew invece tal-garanzija li inghatat minflok il-vettura.

Ghaldaqstant tichad l-ewwel eccezzjoni billi l-Qorti f'dawn il-proceduri ghandha twiegeb biss ghall-mistoqsija tal-ewwel Qorti minghajr ma tghaddi ghal xi kundanna ghall-ksur jekk dan jirrizulta.

**MERTU**

**Artikolu 39 tal-Kostituzzoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

**Ikkonsidrat** li Mario Falzon jilmenta dwar il-fatt li l-vettura u b'sostituzzjoni ghaliha, il-garanzija bankarja, gew konfiskati b'sentenza moghtija fi proceduri li ma kellu l-ebda rwol fihom. Din il-konsiderazzjoni hija l-bazi tal-lanjanza kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu. Ghandu jigi precizat li ghalkemm jista' jinghata l-impressjoni li qed jilmenta li sofra konfiska taz-zewg oggetti, effettivament sofra biss it-telf tal-garanzija bankarja billi l-vettura giet fisikament rilaxxjata f'idejh.

Jirrizulta mill-provi li l-vettura l-ewwel ittiehdet temporanjament *pending investigation* (Dok JV4) "*without prejudice to the issuing of a Seizure Note, in cases where breaches of the Customs Ordinance or the Excise and Duty Act or both eventually result.*"

Sussegwentement inharget Nota ta' Qbid (Dok JB2) fit-12 ta' Mejju 2014 billi l-vettura intuzat bhala mezz ta' garr ta’ oggetti suggetti ghall-konfiska taht il-Kap 37 u l-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ahhar nett, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri kriminali kontra Elbourawi Mohamed, ordnat il-konfiska tal-garanzija bankarja offruta minn Mario Falzon b'sostituzzjoni u in rapprezentanza tal-vettura. Kif gja premess, din is-sentenza ghaddiet in gudikat.

**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

Illi d-drittijiet fundamentali sanciti b’dan l-artikolu jinvolvu, fl-ewwel lok, li fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smigh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqfin b’ligi u li huma accessibbli ghall-akkuzat. Fit-tieni lok tinghata protezzjoni lil min hu akkuzat b’reati kriminali u cioè li huwa ghandu jigi meqjus li hu innocenti sakemm jigi pruvat li huwa hati u jgawdi mill-garanziji minimi l-ohra hemm sanciti.

**L-Art. 39 (1) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi li:

"*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b’reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi.*

*- omissis-*

*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorita` ta' xi liġi ma titqis li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*

(*6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali -*

*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*
*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*
*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*
*(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża, ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma*

*jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu."*

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jiddisponi**:-**

"*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi..."*

*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal,dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur*

*tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."*

Dwar l-applikabilita' tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Qorti Ewropea fil-kaz **Phillips v United Kingdom**[10] irribadiet :

*"1. In order to determine whether in the course of the confiscation proceedings the applicant was "charged with a criminal offence" within the meaning of Article 6 § 2, the Court must have regard to three criteria, namely, the classification of the proceedings under national law, their essential nature and the type and severity of the penalty that the applicant risked incurring (see A**.P., M.P. and T.P. v. Switzerland,** judgment of 29 August 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-V, p. 1488, § 39, and, mutatis mutandis, **Welch,** cited above, p. 13, §§ 27-28)."*

Huwa pacifiku li t-terminu "*criminal charge*" jinghata interpretazzjoni awtonoma fil-Konvenzjoni u l-klassifikazzjoni fil-ligi domestika mhix fiha nnifisha determinanti ghall-applikabilita' tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. (**Engel and others v The Netherlands**[11]).

Kif gie ribadit fil-kaz **Ruotsalainen vs Finland** [12]:

"*43. The Court's established case-law sets out three criteria, commonly known as the "Engel criteria" (see Engel*

[10] Deciz fil-5 ta' Lulju 2001 *(Application no. 41087/98)*
[11] QEDB No 5100,71 23.11.1976. A22
[12] QEDB 13079/03, (16.06.2009)

*and Others vs the Netherlands, 8 June 1976, Series A no. 22), to be considered in determining whether or not there was a "criminal charge". The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence and the third is the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to be regarded as criminal or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general criminal sphere (see: "* ***Ezeh and Connors vs the United Kingdom*** *[GC"], nos. 39665/98 and 40086/98, § 86, ECHR 2003-X). The relative lack of seriousness of the penalty cannot divest an offence of its inherently criminal character (see: "***Ozturk vs Germany***", judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, § 54, and "Lutz vs Germany", judgment of 25 August 1987, Series A no. 123, § 55). This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see, as recent authorities, "***Jussila vs Finland*** *[GC]", no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-..., and "Ezeh and Connors", cited above, § 82*-86)."

Kif jghidu l-awturi **Harris O'Boyle & Warbrick**[13] "*The first is crucial in that if the applicable national law classifies the offence as criminal it is automatically such for the purposes of article 6 too...In cases in which the offence is not*

[13] Law of the European COnvention on Human Rights (3rd Ed) p374

*classified as criminal in national law, the other two criteria listed above come into play....AS to the nature of the offence, the purpose of the offence must be deterrent and punitive, not compensatory, these being the customary distinguishing features of a criminal penalty."*

**Id-disposizzjonijiet rilevanti mill-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta)**

L-artikoli rilevanti tal-Kap 37 huma s-segwenti:

*"68. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati: Iżda, ebda bastiment ma jkun suġġett għal konfiska taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta' purtata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellata."....*

"*69. (1) Il-bastimenti, l-oġġetti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali jew ħwejjeġ oħra suġġetti għal konfiska, jistgħu jiġu maqbuda f'kull lok, sew fuq l-art kemm fuq il-baħar, minn kull uffiċjal tad-dwana jew tal-Pulizija, u meta dawn il-bastimenti, oġġetti, vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr flimkien maż-żwiemel u annimali u ħwejjeġ oħra jiġu hekk maqbuda, għandhom jitqiegħdu minnufih taħt idejn il-Kummissarju jew b'xi mod ieħor*

*jitpoġġew f'qagħda sikura fejn il-Kummissarju jkollu kontroll.*

*(2) Fil-konfiska ta' bastimenti, vetturi jew annimali jitqisu li jidħlu l-armar, il-għodod u t-tagħmir tagħhom, u fil-konfiska ta' oġġetti jitqisu li jidħlu l-kollijiet li fihom jinsabu l-oġġetti u dak kollu li l-kollijiet ikun fihom."*

**"72** *(1) Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid, ta' oġġetti suġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċjal li jagħmel il-qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda, jekk magħruf, sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra irreġistrata indirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħruf bħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta.*

*(2) Il-ħwejjeġ maqbuda taħt din l-Ordinanza jitqisu ikkonfiskati bis-saħħa tal-liġi stess u jistgħu jinbiegħu jew jista' jsir bihom xort'oħra, kif jordna l-Ministru responsabbli għad-dwana, kemm-il darba dak li mingħandu l-ħaġa tkun ġiet maqbuda, jew sidha, jew xi ħadd awtorizzat minnu, fi żmien tletin ġurnata mill-qbid, ma jagħtix avviż bil-miktub lill-Kummissarju, li hu jitlob lura l-ħwejjeġ hekk maqbuda jew li bi ħsiebu jitlobhom lura; f'dan il-każ il-persuna li titlob lura l-ħwejjeġ maqbuda għandha, fi żmien tletin ġurnata minn dak l-avviż, tibda l-proċediment meħtieġ quddiem il-qorti ċivili kompetenti, skont il-valur tal-ħaġa maqbuda, u, fin-nuqqas ta' dan il-jedd fuq din il-ħaġa jitqis li ġie mitluq.*

*-omissis-*

*4) Meta qbid magħmul skont dan l-artikolu jiġi kontestat skont is-subartikolu (2) tiegħu, il-Kummissarju jista', f'kull żmien, jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq u minkejja li jkunu għadhom għaddejjin l-proċedimenti li fihom ikun qed jiġi kontestat, jikkunsinna kull oġġett maqbud lil kull min jagħmel talba b'jedd li hekk kif dan iħallas lill-Kummissarju dik is-somma li l-Kummissarju jidhirlu li tkun adegwata u li ma tkunx taqbeż dik li, fil-fehma tal-Kummissarju, tkun tirrappreżenta l-valur tal-oġġett, magħdud kull dazju, imposta jew taxxa li jridu jitħallsu fuqu u li ma jkunux tħallsu jew hekk kif dan jagħti lill-Kummissarju dik il-garanzija aċċettabbli għall-istess Kummissarju għall-ħlas ta' dik is-somma. Dik is-somma jew garanzija, skont il-każ, għandha tinżamm biex tagħmel tajjeb għal kull pretensjoni li jista' jintalab dwarha skont il-liġi u għall-fini ta' kull proċedimenti meħuda taħt din l-Ordinanza dwar l-oġġetti maqbuda, għandha tirrippreżenta u tissostitwixxi l-oġġetti maqbuda msemmija."*

**L-artikolu 17(2) tal-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa** (Kap 382) jiddisponi:

*"(2) B'żjieda ma' dan, il-vetturi, il-bastimenti jew mezzi oħra ta' ġarr, użati jew li ser ikunu użati għal importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt dan l-Att, soġġetti għal konfiska flimkien mal-proprjetà, mobbli jew immobbli, illi fiha jinstabu l-oġġetti li d-dazju*

*tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkun soġġett għal konfiska, għandhom jiġu konfiskati;*

*Iżda ebda bastiment ma jkun soġġett għal konfiska taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jekk ma jkunx ta' portata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellaġġ nett ta' reġistru."*

**Interpretazzjoni tal-Qrati Maltin tal-Azzjoni ta' Konfiska - Azzjoni *in Rem***

**Ikkonsidrat li l-imsemmi** artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana jistipula l-konfiska tassattiva tal-vettura li fiha nstabu oġġetti li fuqhom allegatament ma kienx tħallas id-dazju.

Jigi sottolineat li dan l-artikolu jagħmel parti minn dik it-Taqsima tal-Ordinanza[14] li tippreskrivi l-pieni, n-natura tal-offiżi maħsuba fl-istess Ordinanza u l-mod kif jitmexxew il-proċeduri għall-ġbir tad-dazju u għalhekk jippreskrivi sanzjoni ta' natura penali. Minbarra dan, huwa stabbilit li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 68 huma liġi speċjali li tmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali bħalma hu l-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali[15] (**Mario Falzon v Direttur Generali (Dwana) et.** - (Sentenza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-**23.10.2014).**

[14] Taqsima XII "Setgħat u Proċedimenti"
[15] App. Krim Inf. JGD 18.5.2006 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph M. Salerno et

Illi madanakollu l-interpretazzjoni moghtija mill-Qrati nostrana ghall-procedura ta' konfiska hija li din hija klassifikata bhala azzjoni *in rem*.

Hekk sabet il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha moghtija fid-29 ta` Jannar 2016 fil-kaz fl-ismjiet *“**Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa v. Kontrollur tad-Dwana”.*** Hemm ir-rikorrent ttenta azzjoni skont l-Art 72 tal-Kap 37 u sostna li huwa kien kompletament estraneu ghall-allegat att kriminali.

Il-Qorti ta` l-Appell wara li ccitat l-Art 68 tal-Kap 37 qalet hekk :-

*"Jigi osservat mill-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghall-konfiska f`kaz ta` zbark jew importazzjoni izda sahansitra ghat-twarrib, zamma, habi jew semplici garr ta` hwejjeg li huma suggetti ghall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oggetti “suggetti ghall-konfiska” (ara wkoll lArtikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza), il-konfiska tal-bastiment hija wahda mandatarja."*

*"L-appellant gustament jishaq li taht din il-ligi specjali ma hemm l-ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kontemplata, fis-sens li ladarba jirrizulta ksur tal-provvediment tal-Artikolu 68, il-konfiska hemm imsemmija hija mandatarja, billi l-Kontrollur tad-Dwana ma nghata ebda diskrezzjoni."*

*"Fil-fatt fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut illi: 'Ghal fini tal-Artikolu 68 dak li jitqis l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta` Frar 2003 in re:* ***"Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana"*** *tibqa` wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi 'l-proceduri ta` konfiska* <u>huma proceduri in rem</u>*. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha" – ara* ***Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana*** *- deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-10 t`Ottubru 2005."* (Sottolinear ta' din il-Qorti).

*"Jigi osservat ukoll illi x-xjenza o meno ta` sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-kaz, ma ticcentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 t`Ottubru, 2010, fl-ismijiet* ***Helen Samantha Brett v. Kontollur tad-Dwana****:"*

*"Illi minn qari ta` Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta` dak* <u>*li jkun qieghed juza l-bastiment*</u>*. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m`ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati."*

Fil-kaz fl-ismijiet **Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta`Ottubru 2008 il-Qorti rriteniet:

*"Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x`inhu ghaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies ohrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija wahda in rem u l-buonafede u innocenza tal-proprjetarju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita` tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-'corpus delicti' fis-sens li jkunu ddahhlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana deciza fis-27 ta` Frar, 2003**".*

F`sentenza ohra tat-13 ta` Novembru 2015, moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Farrugia v Kontrollur tad-Dwana**, l-Qorti filwaqt li ghaddiet ir-rassenja ta`gurisprudenza hawn fuq imsemmija, ziedet:

*"L-artikolu 68 tal-Kap. 39 ma jaghmilx distinzjoni jekk sid il-mezz tal-garr ikunx jaf jew le bl-attivita` kriminali...l-Artikolu 68 tal-Kap.37 ma jaghtix diskrezzjoni lill-Qorti, gialadarba ma jaghmilx distinzjoni bejn min iwettaq l-att u s-sid tal-oggett li jinqabad mill-intimat. .... L-artikolu 68 ma jipprovdix ghall-eccezzjoni fil-kaz li sid ma kellux x`jaqsam f`reat".*

Illi fil-kaz odjern, ma hemmx kwistjoni dwar il-kompatibilita' tal-artikolu 68 tal-Kap 37 mad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li huma l-bazi ta' din l-azzjoni. Huwa pacifiku li l-konfiska tal-garanzija (minflok il-vettura) saret bis-sahha ta' sentenza moghtija fi proceduri kriminali separati u distinti mill-proceduri kriminali pendenti kontra Mario Falzon. Lanqas ma jista' jinghad li l-konfiska kienet parti minn piena ta' kundanna ta' Mario Falzon billi la kien parti f'dawk il-proceduri u wisq inqas gie misjub hati tar-reat kommess *stante* li l-procedimenti kontrih ghadhom pendenti.

Skont dak ritenut mill-Qrati taghna, dawn il-proceduri *in rem* huma indipendenti minn kull kwistjoni ta' htija jew xjenza ta' sid il-vettura dwar ir-reat kompjut jew tentat. Fil-proceduri kontra Elbourawi, kien hemm semplicement kostatazzjoni li l-vettura intuzat ghall-importazzjoni ta' hwejjeg sdazjati fil-kuntest ta' proceduri kontra t-terz li insab hati tar-reat. Illi isegwi li l-ordni tal-konfiska mhix fiha innifisha determinanti ta' xi kolpevolezza fit-twettiq tar-reat minn Mario Falzon.

**Ammissibilita' tat-Talba**

Illi hawnhekk issorgi kwistjoni ohra,iktar rilevanti , li tindirizza l-ammissibilita' tat-talba abbasi tal-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. Cio'e' jekk l-ordni moghtija bhala mizura preventiva fi proceduri inkorsi kontra terza persuna, u anke fl-assenza ta' procedimenti kontra s-sid tal-vettura, jikkostitwixxix ordni li

saret "*fid-decizjoni ta' ... akkuza kriminali kontra tieghu.(Art 6)"* Tqum ghalhekk il-kwistjoni jekk l-artikolu 6 u kwindi wkoll l-artikolu 39 japplikawx ghall-ordni ta' konfiska *in rem* li ssir fi proceduri li ghalihom sid il-vettura huwa estraneu.

Din il-kwistjoni giet konsiderata mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Agosi v the United Kingdom**[16]:

*"64. It must first be determined whether or not the procedures complained of can be seen, separately or jointly, as involving the determination of a criminal charge against AGOSI, something which both the Government and the Commission's Delegate have contested."*

*"65. On this point, the Court shares the opinion of the Government and the Delegate.*

*The forfeiture of the Krügerrands by the courts and the subsequent refusal of the Commissioner of Customs and Excise to restore them were measures consequential upon the act of smuggling committed by X and Y (see paragraphs 28 and 32 above). Criminal charges under domestic law were brought against the smugglers but not against AGOSI in respect of that act (see paragraphs 22-25 above)."*

*"The fact that measures consequential upon an act for which third parties were prosecuted affected in an adverse*

[16] Dec fil-24 ta' Ottubru 1986 -App. Nru.. 9118/80

*manner the property rights of AGOSI cannot of itself lead to the conclusion that, during the course of the procedures complained of, any "criminal charge", for the purposes of Article 6 (art. 6), could be considered as having been brought against the applicant company."*

Fil-kaz **Butler v United Kingdom**[17] **dec. fis-27 ta' Gunju 2002,** il-Qorti Ewropea irriteniet:

*"In its opinion, the forfeiture order was a preventive measure and cannot be compared to a criminal sanction, since it was designed to take out of circulation money which was presumed to be bound up with the international trade in illicit drugs. It follows that the proceedings which led to the making of the order did not involve "the determination ... of a criminal charge (see the* ***Raimondi v. Italy*** *judgment of 22 February 1994, Series A no. 281-A, p. 20, § 43; and, more recently,* ***Arcuri and Others v. Italy*** *(no. 54024/99, inadmissibility decision of 5. July 2001 (unreported)); Riela v. Italy (no.52439/99, inadmissibility decision of 4 September 2001 (unreported)). It further observes that the applicant's reliance on the above-mentioned* ***Phillips*** *judgment does not improve his argument on the applicability of Article 6 under its criminal head to the forfeiture proceedings. The confiscation order impugned in that case followed on from the applicant's prosecution, trial and ultimate conviction on charges of importing an illegal drug. It did not give rise to the determination of a separate or new charge against the*

---

[17] QEDBApp. No. 41661/98

*applicant. The confiscation order was found by the Court in the Phillips case to be analogous to a sentencing procedure (ibid. §§ 34 and 39), and, to that extent, attracted the applicability of Article 6. As previously noted, the circumstances of the instant case are different."*

*"It also notes that in its Phillips judgment the Court attached weight to the facts that the purpose of the confiscation order in that case was not the conviction or acquittal of the applicant and that the making of the confiscation order had no implications for his criminal record (ibid. § 34). For the Court, these are also relevant considerations for concluding that Article 6 under its criminal head does not apply to the forfeiture proceedings in the instant case."*

Il-Qorti ssib li dawn il-konsiderazzjonijiet huma applikabbli ghall-kaz odjern. L-ordni ta' konfiska moghtija fi proceduri ta' akkuza kontra terza persuna, mhix kassifikabbli bhala ordni moghtia fid-decizjoni ta' "xi akkuza kriminali". Kwindi l-artikolu 6 u l-artikolu 39 u l-garanziji hemm enuncjati, fosthom id-dritt ghas-smigh, access ghall-Qorti, il-garanzija tal-*equality of arms* u l-presunzjoni tal-innocenza ma japplikawx ghall-kwistjoni sollevata. Difatti l-konfiska tal-garanzija b'ebda mod ma tfisser xi pronunzjament ta' htija fuq Mario Falzon ghall-finijiet kemm tal-proceduri kriminali istitwiti kontrih kif ukoll tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Referenti.

**Ghaldaqstant ir-risposta ghall-ewwel parti tal-kwistjoni imqanqla hija li ma inkisirx id-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent Mario Falzon u tal-presunzjoni tal-innocenza tieghu kif sanciti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija v El Bourawi Mohammed Fathi* fit-2 ta' Gunju 2015 u tal-konfiska tal-vettura, u tal-garanzija b'sostituzzjoni ghall-vettura.**

**L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.**

Jonqos issa li l-kwistjoni tigi ezaminata b'riferenza ghall-artikolu 37 tal-Kostituzzoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Ikkonsidrat li r-rikorrent Mario Falzon sofra minn telf tal-garanzija bankarja. Hija l-garanzija bankarja li giet konfiskata b'sostituzzjoni tal-vettura fit-termini tal-artikolu 72(4) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-kwistjoni imqanqla tirreferi ghall-vettura kif sostitwita bil-garanzija.

**L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** jiddisponi:

*(1)"Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi*

*miksub, b'mod obligatorju hlief meta jkun hemm dispozizzjoni tal-ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist:*

*(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;*

(*b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens*; u

*(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:*

*Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqisu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.*

*(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà -*

*(a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;*

*(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali;*

*-omissis."*

**L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

Illi **l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi hekk:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati taghna dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Huwa minħabba f'hekk li l-applikabilita' tal-artikolu taħt il-Konvenzjoni huwa usa' minn dak taħt il-Kostituzzjoni.

Rigward l-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll** l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti Ewropea ghal dan l-Artikolu hu ormai kostanti fis-sens li:

"*Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among other authorities, J**ames and Others v. the United Kingdom**, 21 February 1986, § 37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in **Sporrong and Lönnroth v. Sweden**, 23 September 1982, § 61, Series A no. 52; see also **Broniowski v. Poland** [GC], no. 31443/96, § 134, ECHR 2004-V).*" - **Hutten-Czapska v Poland.** [18]

[18] App. No. 35015/97 - 19 June 2006.

Tlieta huma r-rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex interferenza mill-Istat tkun wahda permissibli *ai termini* tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** u cioe`:

*(a) Il-mizura mehuda mill-Istat tkun saret taht qafas legali;*
*(b) L-iskop tal-mizura jkun wiehed ghal ghan legittimu; u*
*(c) Il-mizura mehuda zammet bilanc gust u proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.*

Illi ma hemmx dubju li l-ewwel u t-tieni kweziti huma sodisfatti. Il-garanzija bankarja huwa "*bien"* ossia "*possediment"* ghall-fini tal-A1P1 u l-artikolu 37 fuq citati. Inoltre, n-nota ta' qbid u tehid saru mill-intimat in forza tad-dettami tassattivi tal-artikolu 68 tal-Kap 37 li jimponi l-konfiska ta' mezz li intuza ghall-garr jew habi ta' oggetti sdazjati minghajr ma thalli xi diskrezzjoni lill-istess intimat. Ghaldaqstant m'ghandux ikun hemm dubbju dwar il-legalita' tal-konfiska.

L-iskop tad-disposizzjoni huwa biex il-konfiska isservi bhala deterrent effettiv. Kif jissottometti gustament id-difensur tal-intimat, id-deterrent haseb ghalih il-legislatur fl-interess tal-ekonomija tal-pajjiz u tal-ekwita' kummercjali.

Il-Qorti Ewropea, fil-kaz **Agosi v the United Kingdom** citat *supra*, ikkonsidrat li l-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' muniti tad-deheb fir-Renju Unit "*clearly constituted a control of the*

*use of property"* u li l-konfiska kienet mizura mahsuba ghall-enforzar tal-ligi.

*Il-Qorti imbaghad ikkonsidrat:*

*"The forfeiture of the coins did, of course, involve a deprivation of property, but in the circumstances the deprivation formed a constituent element of the procedure for the control of the use in the United Kingdom of gold coins such as Kruegerrands. It is therefore the second paragraph of Article 1 (P1-1) which is applicable in the present case (see, mutatis mutandis, the* ***Handyside*** *judgment of 7 December 1976, Series A no. 24, p. 30, para. 63."*

Huwa pacifiku li l-Istat ghandu margni ta' apprezzament wiesa' biex jiddetermina l-interess generali b'gustifikazzjoni tal-azzjonijiet li jinterferixxu fit-tgawdija tal-proprjeta' mic-cittadin. Izda kif jinghad fil-kaz **Hutten-Czapska v. Poland**[19] *"fejn hemm l-intervent tal-Istat, dan irid johloq bilanc bejn l-interess generali u l-interess tal-privat, u l-kaz partikolari (jigifieri l-fattispeci partikolari tal-kaz) irid jigi ezaminat ghall-fini ta' tali determinazzjoni."*

Kif gie imfisser minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Mario Falzon v Direttur Generali (Dwana) et** (23 ta' Ottubru 2014):

[19] Fuq citat

*"Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabbilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skont l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa*[20] *taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra."*

Dwar l-element ta' proporzjonalita', il-Qorti fil-kaz ta' **Mario Falzon,** osservat:

*"Illi, b'żieda ma' dan kollu, fejn l-indħil huwa wieħed leġislattiv maħsub biex 'jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni', "enforcement measures such as forfeiture, or even preventive measures such as seizure, have been examined for their compatibility with the*

[20] Ara, per eżempju, Kost. 28.12.2001 fil-kawża fl-ismijiet Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et (Kollez. Vol: LXXXV.i.615)

*second paragraph of Article 1*[21]*. Fost l-imsemmija miżuri, l-Qorti ta' Strasbourg stħarrġet każijiet ta' konfiska jew iż-żamma ta' ħwejjeġ maqbuda minn attivita' li kien maħsub li tinvolvi l-kuntrabandu*[22]*, u ħwejjeġ miżmuma mill-awtoritajiet nazzjonali doganali dwar ħlas ta' dazju jew sisa. B'mod partikolari, għal dak li jirrigwarda l-element tal-proporzjonalita' tal-miżura meħuda, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "in order to be considered proportionate, the interference should correspond to the gravity of the infringement, namely the failure to comply with the declaration requirement, rather than to the gravity of any presumed infringement which had not however been actually established, such as an offence of money laundering or tax evasion. The amount confiscated was undoubtedly substantial for the applicant, for it represented the entirety of the proceeds from the sale of his late mother's home in Baku. On the other hand, the harm that the applicant might have caused to the authorities was minor: he had not avoided customs duties or any other levies or caused any other pecuniary damage to the State"*[23]*.* Ikkonkludiet li *"Mela, minn din is-silta joħroġ ukoll ċar li nuqqasijiet marbuta ma' ħlas ta' dazju joħolqu ħsara lill-Istat u b'hekk il-kejl tal-proporzjonalita' irid iqis ukoll tali gravita."*

[21] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pġ. 892 – 3
[22] Q.E.D.B. 24.10.1986 fil-kawża fl-ismijiet **AGOSI vs Renju Unit** (Applik. Nru. 9118/80) § 60
[23] Q.E.D.B. 6.11.2008 fil-kawza fl-ismijiet Ismayilov vs Russja (Applik. Nru. 30352/03) §38

Illi l-Qorti f'**Agosi** osservat:

"......*The striking of a fair balance depends on many factors and the behaviour of the owner of the property, including the degree of fault or care which he has displayed, is one element of the entirety of circumstances which should be taken into account."*

*"55. Accordingly, although the second paragraph of Article 1 (P1-1) contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the applicable procedures in the present case were such as to enable, amongst other things, reasonable account to be taken of the degree of fault or care of the applicant company or, at least, of the relationship between the company's conduct and the breach of the law which undoubtedly occurred; and also whether the procedures in question afforded the applicant company a reasonable opportunity of putting its case to the responsible authorities. In ascertaining whether these conditions were satisfied, a comprehensive view must be taken of the applicable procedures (see among other authorities, mutatis mutandis, the X v. United Kingdom judgment of 5 November 1981, Series A no. 46, p. 26, para. 60).".*

Illi gie sottomess mid-difensur ta' Mario Falzon li l-konfiska tal-vettura u sussegwentement il-garanzija bankarja kienet wahda sproporzjonata specjalment meta "*tali konfiska saret fi proceduri fejn l-esponenti ma kellu l-ebda rwol, u ghalhekk ma seta' iressaq l-ebda difiza ... ma kellu l-ebda*

*okkazzjoni jew opportunita' sabiex din il-konfiska tigi riveduta, u dana stante li ma kellu l-ebda dritt ghall-appell ai termini tal-ligi."*[24]

Ikkonsidrat fl-ewwel lok, li l-bilanc li ghandu jigi rispettat mhuwiex b'referenza ghall-valur tal-oggett maqbud a paragun mad-dazju li huwa dovut, imma bejn l-interessi generali kif fuq spjegat, u dawk tal-individwu. Fil-kaz odjern, il-garanzija offruta saret ghall-valur ta' €2,500 li jirraprezenta l-valur tal-vettura, filwaqt li l-konfiska kienet mizura tassattiva imposta ghall-enforzar tal-ligijiet tal-pajjiz li jivvjetaw il-kontrabandu ta' sigaretti minghajr il-hlas ta' dazju u sisa. Hawnhekk jispikka l-karattru tal-mizura bhala deterrent ghat-twettiq ta' reat mhux biss fl-interessi tal-erarju imma anke fl-interess tal-kummercjanti importaturi li joperaw fuq is-suq legittimament. Dan l-iskop preventiv jingieb fix-xejn jekk jiddependi minn kejl bejn l-oggetti maqbuda u d-dazju dovut *stante* li l-interess generali jimmira biex ibezza' lil dak li jkun milli jittenta r-reat.

Ghal dak li jirrigwarda l-aspett procedurali, ma jirrizultax li l-qbid mill-intimat sar arbitrarjament u l-istess jista' jinghad ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn ikkonstatat li l-vettura ntuzat ghall-garr ta' oggetti ta' kuntrabandu wara li qieset il-provi kollha fit-termini tal-ligi. Huwa minnu li Mario Falzon qaghadu ma spjegax ir-rwol tieghu jew kif il-vettura spiccat li intuzat fil-kuntrabandu li involviet lill-Elbourawi. Madanakollu ma jistax jinghad li m'ghandux access ghall-Qorti sabiex jirrivendika l-konfiska.

[24] Nota a fol 71 para 36.

Jirrizulta li Mario Falzon istitwixxa proceduri quddiem l-ewwel Qorti biex jottjeni r-rilaxx tal-vettura u ghad irid jipprova l-kaz tieghu. Dan ir-rimedju procedurali huwa kkontemplat bl-artikolu 72(2) tal-Kap 37.

Ghalhekk ma jistax jinghad li Mario Falzon m'ghandux rimedju a disposizzjoni tieghu biex jittenta jottjeni r-rifuzjoni tal-garanzija tieghu. Il-fatt li dan ir-rimedju jixhet l-*onus probandi* fuqu ma jfissirx li b'hekk qed jinholoq xi sproporzjon bejn id-drittijiet tieghu u l-interess generali fil-fattispecie ta' dan il-kaz maqbul mal-element preventiv u ta' deterrent mahsub mill-legislatur.

**Ghaldaqstant twiegeb ghat-tieni parti tal-kwistjoni imqanqla fis-sens li ma nkisirx id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' ta' Mario Falzon kif sancit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Ghall-kjarezza issib wkoll li ma nkisirx id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' ta' Mario Falzon kif sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi twiegeb ghall-kwistjoni imqanqla mill-Qorti Referenti fis-sens li:

**Issib li verament ma inkisirx d-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent u ghad-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' tieghu kif sanciti fl-artikolu 6 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Umani u l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**Ghall-kjarezza issib wkoll li ma nkisirx id-dritt tar-rikorrent kif sancit fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.**

**L-ispejjez huma a karigu ta' Mario Falzon.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2018**